MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1032/1999/1

**Professur Ian Refalo bhala mandatarju ta' l-assenti Dr. Anthony Borg Grech**

**v.**

**Victor u Maryanne konjugi Borg Grech**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 40 ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjonijiet, Kap. 239 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Il-fatti li taw lok ghall-kaz odjern huma brevement is-segwenti:

- L-attur, it-Tabib Dottor Anthony Borg Grech, u l-konvenut Victor Borg Grech huma ahwa, ulied il-mejta Ernest u Yvonne konjugi Borg Grech. Il-konvenuta Maryanne Borg Grech hija mart il-konvenut Victor Borg Grech.

- Yvonne Borg Grech mietet fil-21 ta' Settembru 1987 u iddisponiet mill-wirt taghha b'testment *unica charta* maghmul ma' zewgha fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon datat 14 ta' Jannar 1986 (Dok. B, fol. 7).

- F'dak it-testment Yvonne Borg Grech iddisponiet mill-wirt taghha billi nnominat lil zewgha Ernest Borg Grech bhala uzufruttwarju ta' gidha kollu, u hatret lill-uliedha t-Tabib Dottor Anthony Borg Grech u Victor Borg Grech bhala eredi universali taghha fi kwoti ndaqs bejniethom.

- Bis-sahha tas-sitt artikolu tat-testment imsemmi Yvonne Borg Grech u Ernest Borg Grech taw lil xulxin reciprokament il-fakolta` biex is-superstiti fosthom ikun jista' jiddisponi diversament minn dak it-testment minghajr ma jinkorri fil-penalitajiet previsti mil-ligi.
- Ernest Borg Grech miet fl-4 ta' Frar 1991 u hu ddispona mill-wirt tieghu b'testment maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon datat 29 ta' Awissu 1989 (Dok. D, fol. 12).

- B'dan l-ahhar testment Ernest Borg Grech, wara li halla diversi legati kif specifikati fit-testment, fosthom legat lil ibnu t-Tabib Dottor Anthony Borg Grech, innomina bhala werrieta universali tieghu lill-konvenuti Victor u Maryanne, konjugi Borg Grech.

- L-attur isostni li huwa intitolat ghal sehmu bhala eredi mill-wirt ta’ ommu Yvonne Borg Grech u ghal-legittima mill-wirt ta’ missieru Ernest Borg Grech.

- Ghall-pretensjoni ta’ l-attur dwar il-legittima spettanti lilu mill-wirt ta’ missieru Ernest Borg Grech, il-konvenuti konjugi Borg Grech isostnu li huwa jinsab sufficjentement kopert bhala valur ta’ tali eventwali legittima bil-legat imholli a favur tieghu mill-imsemmi Ernest Borg Grech.

- Huma inoltre jsostnu li a tenur tat-tielet artikolu tat-testment ta’ Ernest Borg Grech datat 29 ta’ Awissu 1989, kemm-il darba l-attur jikkontesta d-disposizzjonijiet testamentarji jew jitlob il-legittima, huwa jiddekadi u jigi eskluz minn kull beneficcju lilu spettanti mill-wirt tat-testatur.

- Billi l-vertenza li allura qamet bejn it-Tabib Dottor Anthony Borg Grech min-naha u Victor u Maryanne Borg Grech min-naha l-ohra baqghet ma gietx risolta, l-attur, tramite l-mandatarju tieghu l-Professur Ian Refalo, istitwixxa l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenuti konjugi Borg Grech.

**Talbiet u Eccezzjonijiet**

3. B’att ta’ citazzjoni ipprezentat fil-5 ta’ Mejju 1999 l-attur nomine talab lill-Ewwel Qorti sabiex: (**i**) tiddetermina l-konsistenza ta’ u tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn Yvonne u Ernest, konjugi Borg Grech, bhala konsistenti f’dawk il-beni li kienu jezistu fiha fid-data tal-mewt ta’ l-istess Yvonne Borg Grech; (**ii**) tiddividi l-komunjoni ta’ l-akkwisti gja likwidata w ezistenti bejn Yvonne u Ernest konjugi Borg Grech li hija maqsuma f’zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-wirt ta’ l-istess Ernest Borg Grech u l-ohra lill-wirt ta’ Yvonne Borg Grech; (**iii**) tillikwida l-wirt ta’ Yvonne Borg Grech bhala konsistenti f’dawk il-beni parafernali lilha appartenenti, u fis-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti kif fuq inghad; (**iv**) taqsam il-wirt ta’ Yvonne Borg Grech, billi

wara li jigu assenjati l-legati minnha mhollija bit-testment taghha, jigi l-istess diviz f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-werrieta taghha, jew skond kif hemm dispost fit-testment taghha skond kif ikun il-kaz, u cioe` nofs lill-attur u nofs lill-konvenut Victor Borg Grech; (**v**) tillikwida konsegwentement l-ammont u/jew assi dovuti lill-wirt ta' Ernest Borg Grech bhala konsistenti f'dawk l-assi parafernali lilu appartenenti u fis-sehem tieghu tal-komunjoni ta' l-akkwisti; (**vi**) tillikwida u tassenja lill-attur il-legittima lilu spettanti mill-wirt ta' missieru Ernest Borg Grech kif fuq likwidat; u (**vii**) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mahruga kontra taghhom.

4. B'Nota ta' l-Eccezzjonijietipprezentata fit-30 ta' Awissu 1999 (fol. 19) il-konvenuti konjugi Borg Grech ikkontestaw it-talbiet attrici in bazi ghas-segwenti eccezzjonijet (li qed jigu hawn riprodotti in succint u fl-essenza taghhom): (**1**) illi l-kawza attrici hija intempestiva u li ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; (**2**) bla pregudizzju u fil-meritu, it-talbiet attrici, in kwantu jikkoncernaw il-wirt tal-mejjet Ernest Borg Grech, ghandhom jigu michuda billi l-attur huwa sufficjentement kopert bhala valur ta' eventwali legittima mill-eredita` ta' missieru Ernest Borg Grech bil-legat imholli lilu mit-testatur bl-artikolu tlieta tat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Henry Saydon datat 29 ta' Awissu 1989; u (**3**) bit-testment tieghu tad-29 ta' Awissu 1989 Ernest Borg Grech ordna li jekk it-Tabib Dr. Anthony Borg Grech ma jaccettax id-disposizzjonijiet testamentarji kif inhuma jew jitlob il-legittima, huwa jiddekadi mill-wirt tat-testatur, u ghalhekk il-Qorti ghandha tizgura r-rispett assolut ghall-ahhar volonta` tat-testatur.

**<u>Sentenza appellata</u>**

5. L-eccezzjoni preliminari ta' l-intempestività ta' l-azzjoni attrici sollevata mill-konvenuti konjugi Borg Grech giet determinata bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti moghtija fis-16 ta' Frar 2006, u cioe` s-sentenza appellata.

6. B’dik is-sentenza l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjoni preliminari bl-ispejjez kontra l-konjugi Borg Grech u, fid-dawl tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli rilevanti tal-Kapitoli 239 u 364 tal-Ligijiet ta’ Malta halliet il-kawza *sine die* sakemm jigi muri lill-Qorti li l-kondizzjonijiet mitluba mil-ligi twettqu u l-kawza tkun tista’ titkompla. Dik il-Qorti ghamlitha cara fis-sentenza taghha li **“ghal dan il-fini, u sakemm il-kawza tkun giet mizmuma, m’ghandhomx jghoddu t-termini tal-ligi li bihom kawza tista’ titqies dezerta.”** Dan il-punt qed jigi sottolineat peress li minkejja tali espressjoni cara tal-Qorti, jidher li, evidentement bi zvista, ir-Registratur iddikjara l-kawza dezerta fl-14 ta’ Awissu 2006 (ara n-nota fuq il-kopertina tal-process taht il-firma ta’ deputat registratur). Effettivament din il-kawza ma hiex dezerta, mhux biss minhabba dak li nghad espressament fis-sentenza appellata izda wkoll ghax kien hemm nel frattemp l-appell li qed jigi determinat bis-sentenza odjerna.

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din hija azzjoni għall-qsim ta’ wirt u għall-ħlas ta’ leġittima. L-attur irid li l-wirt tal-ġenituri tiegħu jiġu likwidati u li, fil-każ tal-wirt ta’ ommu, jieħu s-sehem tiegħu flimkien mal-imħarrek ħuh; filwaqt li, fil-każ tal-wirt tal-missier, jingħata sehmu mil-leġittima;

“Illi l-imħarrkin qegħdin jgħidu li l-kawża saret qabel waqtha u għandhom jinħelsu milli jibqgħu aktar fiha;

“Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar din l-eċċezzjoni preliminari;

“Illi l-imħarrkin jibnu din l-eċċezzjoni tagħhom fuq il-fatt li (a) il-wirt tal-omm għadu mhux likwidat tant li hemm kwistjoni bejn il-werrieta u d-Dipartiment tat-Taxxi Interni dwar l-ammont ta’ taxxa ta’ suċċessjoni dovuta, u hemm saħansitra proċeduri ġudizzjarji dwar din il-kwestjoni[1] u (b) li d-denunzja tas-suċċessjoni tal-wirt ta’ missier il-partijiet

[1] App. Nru.422/00

għadha lanqas biss tressqet. Fis-sewwa, waqt it-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni, l-għaref difensur tal-imħarrkin żied jgħid li l-eċċezzjoni mqanqla minnhom kienet ukoll tinkludi l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*;

"Illi tali eċċezzjoni, li hija waħda ta' natura dilatorja u għalhekk għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-bidu tal-kawża[2]. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-imħarrkin fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor*, u huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li s-soltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[3]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita` huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli. B'żieda ma' dan, huwa wisq possibbli li, f'kawża bħal din li għandha quddiemha l-Qorti llum, jidħlu fis-seħħ ir-regoli tal-*Jus Superveniens*[4];

"Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax taqbel li l-eżistenza ta' kawża li tista' tolqot il-mertu ta' kawża oħra – l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* – tagħti lok għall-intempestivita' tat-tieni kawża. Ir-rimedju proċedurali maħsub fl-artikolu 792 tal-Kodiċi tal-Proċedura m'huwiex dak li jeħles lill-parti mħarrka mill-osservanza tal-ġudizzju, iżda dak li, jekk ikun jgħodd il-każ, il-kawżi li l-mertu tagħhom jista' jkun komunement affettwat jinstemgħu flimkien;

"Illi dwar il-fatti partikolari tal-każ, kif ingħad, l-imħarrkin qegħdin isejsu l-eċċezzjoni tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali li titkellem dwar trasferiment ta' ġid b'wirt. L-imħarrkin jistrieħu fuq il-liġi li kienet fis-seħħ[5] meta ġew neqsin il-ġenituri tal-partijiet – li seħħew fl-1987 u fl-1991 rispettivament. L-imsemmija dispozizzjoni hija waħda ta'ordni pubbliku, tant li l-liġi

[2] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)
[3] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)
[4] Ara P.A. **7.10.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Valenzia noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1177**)
[5] L-art. 40 tal-Kap 239 (liema Kapitolu tħassar u nbidel bl-Att XVII tal-1993, Kap 364, li, madankollu, tenna r-regola applikabbli f'dak l-artikolu 40 billi jerġa' jinkludiha bħala l-art. 63 tal-Kap 364)

tagħti s-setgħa lill-Qorti li tqajjem il-kwistjoni minn rajha *ex ufficio.* L-effett ta' dik id-dispozizzjoni huwa dak li jwaqqaf minnufih kull proċediment ġudizzjarju sakemm jitwettqu l-kundizzjonijiet li huma hekk preskritti mil-liġi, jiġifieri li titressaq id-denunzja tas-suċċessjoni (jew, kif tissejjaħ fil-liġi fis-seħħ illum, id-dikjarazzjoni *causa mortis.* Ta' min jgħid li l-liġi titkellem dwar il-preżentata kif imiss tad-denunzja u mhux li t-taxxa li tista' tkun dovuta tkun ġiet finalment likwidata. Dispożizzjoni speċjali bħal dik, sewwasew għaliex hija waħda speċjali u tolqot materja ta' dritt tributarju, għandha tingħata tifsira litterali;

"Illi, minn dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża u fid-dawl tal-imsemmija dispożizzjonijiet, ħareġ li, fil-każ tal-wirt ta' l-omm, id-denunzja kienet ġiet ippreżentata[6]. Huwa minnu li jidher li hemm kwistjoni mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni dwar l-ammont ta' taxxa dovut, imma dan ma jolqotx it-tħaddim tal-artikolu li fuqu l-imħarrkin jibnu l-eċċezzjoni taħt eżami. Għalhekk, in kwantu tolqot it-talbiet relattivi għall-wirt tal-omm, l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa;

"Illi, madankollu, fil-każ tal-wirt tal-missier, jidher li tassew li, sallum, għadha ma saritx id-dikjarazzjoni *causa mortis*. Dan huwa ta' xkiel biex il-kawża tkompli tinstema', għax hekk tgħid il-liġi. Iżda hawnhekk ukoll, wieħed irid jara jekk, minħabba f'hekk, l-azzjoni attriċi saritx qabel waqtha. Il-liġi speċjali ma tgħidx li ma tistax issir azzjoni dwar wirt li tiegħu ma tkunx saret dikjarazzjoni għall-finijiet tal-liġi speċjali fiskali. Il-liġi speċjali tgħid biss li l-kawża ma tkunx tista' tkompli tinstema' qabel ma jitwettqu l-kondizzjonijiet preskritti. Min-naħa l-oħra, azzjoni bħal dik li beda l-attur *nomine* trid tabilfors titressaq fi żmien partikolari[7]. Għalhekk, safejn il-liġi ġenerali ma tkunx maqluba minn xi liġi speċjali (bħalma hija l-liġi fiskali invokata mill-imħarrkin f'dan il-każ), mhux mogħti li l-prinċipji jew regoli ġenerali jingħataw il-ġenb jew jitwarrbu. Li kieku dan huwa l-każ u sallum id-dikjarazzjoni *causa mortis* dwar il-wirt tal-missier – li tiegħu, ta' min ifakkar, l-imħarrkin huma l-werrieta universali maħtura, u jaqa'

[6] Dokti "VM-C" u "VM-D", f'paġġ. 85-9 tal-proċess
[7] Ara l-art. 845 tal-Kap 16

fuqhom ukoll l-obbligu li jressqu dik id-dikjarazzjoni – għadha ma saritx, kien ikun ifisser li l-jedd tal-attur *nomine* li jfittex is-sehem tiegħu minn dak il-wirt għalaq u għadda għaliex ikunu għaddew aktar minn għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni;

“Illi, min-naħa l-oħra u apparti minn kwistjonijiet tal-mertu, li kieku ma kienx għall-imsemmija dispożizzjonijiet speċjali, jidher mad-daqqa t’għajn li l-attur għandu kull interess ġuridiku li jressaq il-pretensjonijiet minnu dedotti fiċ-Ċitazzjoni fil-konfront tal-imħarrkin;

“Illi, għalhekk ukoll, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni tal-intempestivita` ma tirriżultax lanqas dwar dawk it-talbiet li jirrigwardaw il-wirt tal-missier;

“Illi, madankollu, minħabba l-kliem tassattiv tad-dispożizzjonijiet partikolari tal-liġi speċjali, il-Qorti jkollha tieqaf milli tisma’ l-kawża sakemm jitwettaq dak li bil-liġi jrid isir, u b’hekk tissoprasjedi;”

**<u>L-Appell</u>**

8. Minn din is-sentenza preliminari appellaw il-konvenuti konjugi Borg Grech. L-aggravju taghhom hu, bazikament, illi l-ewwel Qorti interpretat u applikat b’mod hazin u zbaljat l-Artikolu 40 tal-Kap. 239 tal-Ligijiet ta’ Malta.

9. Il-konvenuti konjugi Borg Grech jikkontendu li “dak l-artikolu tal-ligi hu wiehed ta’ ordni pubbliku…u jekk ghandu jigi interpretat *‘testisverbis’* kif sostniet l-Ewwel Qorti, allura ma setax l-attur nomine jistitwixxi l-kawza u wisq anqas ikompli ghaddej biha, ladarba hu minnu ammess (jew mhux michud) li fid-data tal-introduzzjoni tal-kawza minn zewg wirtijiet kien hemm prezentata denunzja wahda u mhux likwidata, u d-denunzja l-ohra la kienet saret u lanqas imhallsa” (ara l-paragrafu 21 tar-rikors ta’ appell). Huma jargumentaw illi ladarba l-attur nomine ma rnexxilux iressaq prova li fil-mument li istitwixxa l-proceduri odjerni kontra taghhom ir-rekwiziti tal-ligi, u senjatament ta’ l-Artikolu 40 tal-Kap. 239 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma kienux sodisfatti, allura l-ewwel Qorti kellha

tilqa' l-eccezzjoni preliminari taghhom u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju u mhux, in bazi ghal zviluppi li sehhew fil-mori tal-proceduri, tichad dik l-eccezzjoni taghhom u thalli l-kawza *sine die* sakemm huma jipprezentaw id-denunzja ta' Ernest Borg Grech.

10. Il-konvenuti konjugi Borg Grech jikkontendu wkoll li "ladarba kjarament irrizulta l-abbuz fiskali min-naha tal-attur nomine li jibda proceduri bi sfida tal-ligijiet 'de quo', kien xieraq u gust u ekwu li jigi hu akkollat bl-ispejjez ta' din l-eccezzjoni u mhux il-konvenuti. U dan ukoll meta jigi mehud kont tad-danni u dewmien li sofrew il-konvenuti inutilment f'din il-kawza fi kwazi seba' snin inutili fejn huma (a differenza ta' l-attur nomine) GHAMLU SPEJJES FL-INTERESS TAL-WIRT IN GENERALI, inkluz HLAS TA' SPEJJES LEGALI, HLASIJIET 'DE PROPRIO' TA' ELUF TA' LIRI AKKONT tat-TAXXA (ARA DOK. T1 EZIBIT) U META GHAD HEMM XI SEBAT ELEF LIRA U IMGHAX RELATTIV DOVUTI FUQ IL-WIRT TA' Ernest Borg Grech. **Ghalhekk qed jipprotestaw rwiehhom kontra l-kap ta' l-ispejjez**"[8].

11. Bir-rikors ta' l-Appell taghhom il-konvenuti konjugi Borg Grech qed jitolbu lil din il-Qorti biex (i) tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu semplicement ghazlet li tissoprassjedi, u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes; u (ii) f'kaz li tichad din it-talba, allura tirriforma l-imsemmija sentenza fis-sens li tordna li l-ispejjes tas-sentenza appellata ihallashom l-attur nomine minflokhom, stante li l-eccezzjoni preliminari kellha tinghata minnhom minhabba l-agir ta' l-attur it-Tabib Dottor Anthony Borg Grech. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine.

12. Fir-risposta ta' l-appell tieghu[9] l-attur nomine jikkontendi li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma billi l-ewwel Qorti "waslet ghall-interpretazzjoni logika u l-izjed konsona mad-disposizzjoni ghas-salvagwardja tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem billi interpretat dak l-artikolu fis-sens li l-proceduri ghandhom

---

[8] Fol. 6 tal-process ta' l-Appell.
[9] Fol. 8 *et seq.* tal-process ta' l-Appell.

jibqghu sine die sakemm it-taxxa tkun giet imhallsa kollha."

13. L-attur nomine jsostni wkoll li ladarba d-disposizzjoni tal-ligi enuncjata fl-Artikolu 40 tal-Kap.239 tal-Ligijiet ta' Malta kjarament tinterferixxi mad-dritt ghal-liberu access ghall-Qorti protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Ewwel Qorti kienet korretta f'li taghti interpretazzjoni ristrettiva ta' l-imsemmi artikolu tal-ligi li hija konsona mas-salvagwardja ta' dawn id-drittijiet.

14. Huwa jikkontendi li l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti lill-provvediment tal-ligi enuncjat fl-Artikolu 40 tal-Kap.239 tal-Ligijiet ta' Malta hija korretta ghaliex hemm jinghad li "…l-proceduri ghandhom jieqfu u l-Qorti ghandha taghti dawk id-direttivi li jidhrilha mehtiega biex tara li d-drittijiet u l-proprjetà tal-parti ma ssofri l-ebda pregudizzju. Kieku l-Qorti kellha taghti ordni mod iehor jew tordna il-liberatorja ma tkunx qieghdha tipprotegi d-drittijiet tal-attur kif hija tenuta taghmel."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15. Il-qofol ta' l-appell odjern jikkonsisti essenzjalment fl-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 40 tal-Kap. 239 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-mod kif dak provdut fl-imsemmi artikolu tal-ligi jolqot l-azzjoni istitwita mill-attur appellat nomine kontra l-konvenuti appellanti.

16. Ma hemm ebda dubju li ghalkemm illum il-Kap. 239 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghadux fis-sehh ghaliex gie imhassar u jinsab sostitwit bl-Att XVII ta' l-1993[10], ghall-kaz in ezami japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi enuncjati fl-imsemmi Kapitolu 239, ghaliex din kienet il-ligi fis-sehh fi zmien il-mewt tal-konjugi Ernest u Yvonne Borg Grech, li mietu rispettivament fil-21 ta' Settembru 1987 u fl-4 ta' Frar 1991.

17. Billi l-Kap. 239 dwar it-taxxa tal-mewt u tad-donazzjoni huwa ligi ta' natura fiskali, ghall-ahjar

[10] Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta.

interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dik il-ligi necessarjament ghandu jigi addottat il-principju li *l'interpretazione delle leggi fiscali, anche nel dubbio, dev'essere quella letterale e non necessariamente quella più benigna al contribuente, nè possono sempre le leggi tributarie interpretarsi colle regole di diritto comune*[11]. Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata osservat illi *disposizzjoni specjali bhal dik* [l-Artikolu 40 tal-Kap.239 tal-Ligijiet ta' Malta], *sewwasew ghaliex hija wahda specjali u tolqot materja ta' dritt tributarju ghandha tinghata tifsira litterali*[12].

18. Din il-Qorti hi tal-fehma li ghall-ahjar intendiment ta' dana l-appell huwa opportun li l-Artikolu 40 tal-Kap.239 tal-Ligijiet ta' Malta jigi hawn riprodott fl-intier tieghu.

19. Dan l-artikolu tal-Ligi jipprovdi li *ebda persuna li hi marbuta li tipprezenta denunzja dwar trasferiment taxxabbli jew li ghandha thallas it-taxxa skond xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma tista' wara li jghaddi z-zmien preskritt ghall-ipprezentar ta' dik id-denunzja, tibda jew tmexxi procedimenti legali, jew taghmel xi talba f'xi dipartiment tal-Gvern dwar xi proprjetà li ghandha tidhol f'dik id-denunzja jekk ma jigix muri li d-denunzja tkun giet ipprezentata kif imiss u tinkludi l-proprjetà li ghaliha jirreferu l-procedimenti jew it-talba, u meta z-zmien stabbilit ghall-hlas tat-taxxa jkun ghadda, li dak il-hlas ikun sar jew li l-Kummissarju jkun tawwal iz-zmien ghal dak il-hlas.*

*(2) In-nuqqas tal-prova li d-denunzja tkun giet ipprezentata jew li l-hlas ikun sar jista' jigi eccepit mill-partijiet f'kull stadju tal-procedimenti legali, u f'kull kaz ghandu jitqajjem mill-qorti ex officio. Il-procedimenti legali ghandhom imbaghad jitwaqqfu minnufih u ma jistghux jitkomplew qabel ma jigi rimedjat in-nuqqas mill-persuna responsabbli ghalih jew minn xi persuna ohra interessata.*

---

[11] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXVIII – i – 523, citata fis-sentenza fl-ismijiet **Waldorf Car Hire Limited v. Habitat Limited** Appell Civili Nru. 159/2002 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004.
[12] Pagna 5 tas-sentenza appellata.

*(3) Fil-kazijiet imsemmijin f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha taghti kull direttiva mehtiega sabiex il-proprjetà li tkun l-oggett tal-procedimenti legali ma ggarrab ebda pregudizzju.*

*(4) Id-disposizzjonijiet imsemmijin f'dan l-artikolu ma jghoddux wara li jghaddi z-zmien specifikat fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 36 ta' dan l-att.*

20. Minn qari akkurat ta' dan l-artikolu tal-ligi din il-Qorti hija tal-fehma li ghal dak li jirrigwarda procedimenti quddiem il-qorti referibbli ghal proprjeta` derivanti minn successjoni u taxxabbli ai termini tal-Kapitolu 239 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rekwiziti necessarji biex tali proceduri gudizzjarji jistghu jinbdew jew jitmexxew mill-persuna marbuta li tipprezenta dik id-denunzja jew thallas it-taxxa huma li: (i) id-denunzja tkun gietipprezentata kif imiss u li tinkludi l-proprjetà li ghaliha jirreferu l-proceduri; **u** (ii) meta z-zmien stabbilit ghall-hlas tat-taxxa jkun ghadda, li dak il-hlas ikun sar jew li l-Kummissarju jkun tawwal iz-zmien ghall-hlas tat-taxxa dovuta.

21. Din il-Qorti ma taqbilx mal-pretensjoni tal-konvenuti appellanti li f'kaz ta' nuqqas ta' prova li dawn ir-rekwiziti ikunu gew debitament imwettqa, l-ligi tipprospetta t-terminazzjoni sommarja tal-proceduri bil-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-parti imharrka. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-rimedju previst fl-Artikolu 40(2) tal-Kap.239 tal-Ligijiet ta' Malta huwa dak tas-sospensjoni tal-proceduri sakemm jigi rimedjat in-nuqqas mill-persuna responsabbli ghalih jew minn xi persuna ohra interessata u mhux it-terminazzjoni ta' dawk il-proceduri.

22. L-interpretazzjoni tal-konvenuti appellanti tal-Artikolu 40(2) tal-Kap. 239 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex korretta ghaliex hija bbazata fuq tifsira moghtija lill-frazijiet "... ebda persuna ... ma tista' ... tibda jew tmexxi procediment legali ..." u "imwaqqfa minnufih", uzati fl-imsemmija disposizzjoni, ikkunsidrati fl-astratt u mhux fil-kuntest intier ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi.

23. Interpretazzjoni bazata fuq konsiderazzjoni astratta qatt ma tista' titqies li tirrispekkja l-intenzjoni vera tal-legislatur, partikolarment meta si tratta ta' disposizzjoni ta' natura fiskali. Ikun hemm interpretazzjoni korretta li tirrispekkja l-volonta` tal-legislatur biss meta d-disposizzjoni in ezami tigi kkunsidrata fl-intier taghha, u mhux meta wiehed jaqbad ma' frazi wahda in izolament u fl-astratt.

24. Fl-Artikolu 40(2) tal-Kap.239 tal-Ligijiet ta' Malta l-legislatur specifikatament ipprovda li f'kaz ta' nuqqas ta' prova tal-prezentata kif imiss tad-denunzja u/jew tal-hlas tat-taxxa *l-procedimenti legali ghandhom imbaghad* ***jitwaqqfu minnufih u ma jistghux jitkomplew qabel*** ***ma jigi rimedjat in-nuqqas mill-persuna responsabbli ghalih jew minn xi persuna ohra interessata*** [13].

25. Ikkunsidrata fl-intier taghha din id-disposizzjoni tal-ligi kjarament turi li l-intenzjoni tal-legislatur kienet mhux li l-proceduri jigu kkunsidrati intempestivi izda, li l-istess jigu **sospizi** sakemm issir il-prova li dak li kellu jsir effettivament sar. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa evidenti li l-iskop tal-legislatur kien li azzjonijiet milquta bl-effetti ta' l-Artikolu 40 jigu salvati, basta li dak li tghid u trid il-ligi in tema ta' denunzja u hlas ikun sar.

26. Ladarba din tidher li kienet l-intenzjoni vera tal-legislatur, ir-rimedju li johrog mill-Artikolu 40(2) tal-Kap.239 tal-Ligijiet ta' Malta huwa dak tas-sospensjoni tal-proceduri bis-soprasessjoni tal-Qorti u mhux it-terminazzjoni sommarja taghhom [14]. Madanakollu fejn ic-cirkostanzi jippremettu, mhux eskluz li jigu applikati r-regoli tal-*Jus Superveniens* u l-proceduri ghalhekk ikunu jistghu jitkomplew.

---

[13] Enfasi mizjuda minn din il-Qorti.

[14] Ara a propositu **Francis Xuereb pro et noe v. Kontrollur tad-Dwana, Appell Civili 245/04**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, fejn jinghad, fost affarijiet ohra, hekk: "In linea generali, huwa pacifiku illi l-provvediment tas-soprassessjoni huwa ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi neccessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa din is-soluzzjoni…Tali provvediment ordinatorju huwa rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi specjali tal-kaz…"

27. Applikati dawn il-principji ghall-fattispecie tal-kaz odjern din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

28. L-ewwel Qorti necessarjament kellha tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti appellanti fir-rigward tat-talbiet attrici kollha ghaliex kif inghad dikjarazzjoni ta' intempestivita` bil-konsegwenti liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-parti imharrka ma huwiex ir-rimedju kontemplat fl-Artikolu 40(2) tal-Kap.239 tal-Ligijiet ta' Malta.

29. Ghal dak li jirrigwarda l-wirt ta' Yvonne Borg Grech, l-ewwel Qorti korrettament ikkunsidrat li ma setghetx tapplika l-Artikolu 40(2) tal-Kap.239 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi fil-kaz in ezami rrizultaw cirkustanzi li ghamlu possibbli l-applikazzjoni tal-principju tal-*Jus Superveniens*.

30. Huwa principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika taghna li *jus superveniens firmat actionem et exceptionem*, illi jfisser li jekk *waqt il-kawza jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel tkun difettuza tigi imsahha. Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzju u ta' l-ispejjez* [15].

31. Ladarba fil-mori tal-proceduri t-taxxa dovuta fuq il-wirt ta' Yvonne Borg Grech thallset, intervjena dak id-dritt li ssana l-azzjoni attrici fir-rigward tal-wirt taghha u ghalhekk ma kien jaghmel ebda sens, la guridiku u lanqas logiku, li jigi applikat provvediment enuncjat fl-Artikolu 40(2) tal-Kap.239 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sitwazzjoni issa in konformita` mal-ligi.

32. L-ewwel Qorti gustament, pero`, ma setghetx tadotta l-istess posizzjoni fir-rigward tal-wirt ta' Ernest Borg Grech ghaliex ghal kuntrarju tal-wirt ta' Yvonne Borg Grech, il-posizzjoni fir-rigward tal-wirt tieghu ma jidhirx li kienet giet debitament sanata.

---

[15] **Guido Laferla noe et v. Dottor Vincent Falzon et**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru 1984; Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXVIII – iii – 167.

33. Minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li giet esebita xi denunzja, jew imqar kopja taghha, ta' Ernest Borg Grech bl-istess mod kif kienet giet esebita kopja tad-denunzja ta' Yvonne Borg Grech. Fin-nuqqas ta' tali prova din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li d-denunzja ta' Ernest Borg Grech tirrizulta li giet debitament ipprezentata ghall-finijiet ta' l-Artikolu 40 tal-Kap.239, u ghalhekk, il-proceduri ghandhom jigu sospizi sakemm issir il-prova rikjesta mil-ligi.

34. Barra minnhekk, lanqas jirrizulta b'mod sodisfacenti li t-taxxa dovuta fuq il-wirt ta' Ernest Borg Grech giet imhallsa.

35. Ghal dawn in-nuqqasijiet ghandhom jirrimedjaw il-konvenuti appellanti li, kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, huma l-werrieta universali ta' Ernest Borg Grech u ghalhekk jaqa' primarjament fuqhom l-obbligu li debitament jipprezentaw id-denunzja tieghu u jhallsu t-taxxa dovuta fuq il-wirt.

36. Il-konvenuti appellanti donnhom jippretendu wkoll li l-azzjoni attrici hija intempestiva ghaliex flok ma ipprova jasal fi ftehim bonarju maghhom, l-attur appellat, tramite l-mandatarju tieghu, istitwixxa l-kawza odjerna kontra taghhom. Huma jikkritikaw dan l-agir tieghu partikolarment ghaliex fiz-zmien meta gew istitwiti dawn il-proceduri kien ghad fadal sentejn zmien biex jiskadi t-terminu perentorju ta' ghaxar snin entro liema l-attur kellu jagixxi kontra taghhom ghas-sehem tieghu mill-wirt tal-konjugi Ernest u Yvonne Borg Grech.

37. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kontestazzjoni tal-konvenuti appellanti hija ghal kollox inaccettabbli u dana mhux biss ghaliex hija kompletament irrilevanti fil-kuntest ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 40 tal-Kap.239 izda anke ghaliex hadd ma jista' jippretendi li persuna bilfors tasal fi ftehim bonarju mal-parti avversa minflok ma tirrikorri ghall-intervent tal-Qorti ghas-soluzzjoni ta' kwistjoni jew kwistjonijiet li hija jista' jkollha ma' dik il-parti. Kif sewwa

osserva l-attur appellat nomine fir-risposta ta' l-appell tieghu, i*d-dritt ghal-liberu access ghall-Qorti biex wiehed jissalvagwardja d-drittijiet civili tieghu huwa wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea*.

38. Barra minnhekk it-terminu ta' ghaxar snin entro liema l-attur appellat seta' jagixxi fil-konfront tal-konvenuti appellanti ghal sehmu mill-wirt huwa wiehed ta' **dekadenza** li jfisser illi ladarba jiskadi dak it-terminu ma jkunx jista' iktar jipproponi l-azzjoni tieghu kontra taghhom.

39. Ghalhekk l-attur bilfors kellu jagixxi entro t-terminu perentorju stipulat fil-ligi u ma jistax jigi meqjus li agixxa b'mod irregolari u/jew intempestiv, u b'hekk jigi ippenalizzat, ghaliex ghazel li jissalvagwardja d-drittijiet tieghu fil-konfront ta' l-atturi appellanti.

40. B'hekk kienet ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata osservat illi *safejn il-ligi generali ma tkunx maqluba minn xi ligi specjali (bhalma hija l-ligi fiskali invokata mill-imharrkin f'dan il-kaz), mhux moghti li l-principji jew regoli generali jinghataw il-genb u jitwarrbu. Li kieku dan huwa l-kaz u sallum id-dikjarazzjoni causa morti dwar il-wirt tal-missier – li tieghu, ta' min ifakkar, l-imharrkin huma l-werrieta universali mahtura, u jaqa' fuqhom ukoll l-obbligu li jressqu dik id-dikjarazzjoni – ghadha ma saritx, kien ikun ifisser li l-jedd ta' l-attur nomine li jfittex is-sehem tieghu minn dak il-wirt ghalaq u ghadda ghaliex ikunu ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni*.

41. In kwantu jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez, din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-eccezzjoni preliminari ta' l-intempestivita` sollevata mill-konvenuti appellanti irrizultat ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt, l-ispejjez relattivi ghall-istess kemm tal-prim istanza kif ukoll ta' dan l-istadju tal-proceduri, ghandhom jigu unikament sopportati minnhom u mhux akkollati lill-attur appellat nomine kif minnhom pretiz.

42. Kwalunkwe spejjez li sa issa huma setghu ghamlu in konnessjoni mal-wirt in generali huma ghal kollox irrilevanti fil-kuntest ta’ decizjoni dwar eccezzjoni preliminari sollevata *in limine litis,* partikolarment meta dik l-eccezzjoni taghhom irrizultat ghal kollox infondata.

**Decide**

43. Ghall-motivi premessi tichad l-appell interpost mill-konvenuti appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti appellanti in solidum bejniethom. Il-Qorti tordna wkoll li l-atti jigu rimessi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili biex, jekk ikun il-kaz, u meta ssir talba ghalhekk minn xi wahda mill-partijiet, l-istess kawza tigi riappuntata minn *sine die*. Qed jerga’ jigi mtenni ghal kull buon fini (ara paragrafu 6 *supra*) li d-dikjarazzjoni ta’ deserzjoni maghmula mir-registratur fl-14 ta’ Awissu 2006, u kif tidher fin-nota mwahhla mal-kopertina tal-process, kienet kjarament svista da parti tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------